IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-26 ta' Frar, 2026

Rikors numru: BCT/65/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Jean Pierre Farrugia

vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta li l-ħmieġ konċernanti l-avviż tal-Awtorita' intimate ta' nhar id-9 ta' Settembru, 2025 kien ġej minn sit ieħor u għaldaqstant talab sabiex tiġi revokata l-penali amministrattiva imposta.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;
2. Illi qegħdin jkunu annessi u immarkat DOK A "Trial of Event",

flimkien ma DOK B sett ta' ritratti;
3. Illi min dak anness jidher ċar li l-Awtorita' kienet ġusta flinterpretazzjoni taċ-ċirkostanzi u kwindi korretta fl-impożizzjoni talpenali amministrattiva;
4. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;
5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jittratta avviż tal-Awtorita' intimata maħruġ fil-konfront tal-attur datata d-9 ta' Settembru, 2025 li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) bir-raġuni mogħtija tkun:

Nuqqas ta' tindif immedjat, knis, ħasil jew tneħħija ta' trab mit-triq

Illi l-appellant xehed li l-materjal li kien hemm ma kienx materjal kawża tax-xogħlijiet li kien qed jagħmel hu iżda kawża ta' xogħlijiet ta' ħaddieħor minħabba li t-triq hija għan-niżla u għadda minn quddiemu. Hu preżenta ukoll video in sostenn ta' dan. Meta mistoqsi jibgħat ritratti tas-sit li skondu kien qed jikkawża l-ħmieġ in kwistjoni

hu preżenta ritratt li minkejja li ma jurix sit ta' kostruzzjoni, juri biċ-ċar li kien hemm ħmieġ li kien ġej minn destinazzjoni oħra u li kien qed iħammeġ it-triq.

Illi t-Tribunal jinnota li minkejja li l-Awtorita' ingħatat terminu ta' għaxart ijiem sabiex tippreżenta affidavit, ma ġie preżentat ebda affidavit. B'hekk l-uniċi provi li ġew prezentati huma dawk preżentati mar-risposta u ċioe t-'trail of events' flimkien ma għadd ta' ritratti.

Illi t-Tribunal jinnota li r-ritratti preżentati mill-Awtorita' jippreżentaw xenarju differenti minn dak tal-attur fejn ma jidhirx li l-ħmieġ kien ġej minn destinazzjoni oħra. Minkejja dan jibqa' l-fatt li r-ritratti preżentati ma ġew ikkonfermati minn ħadd. F'dan is-sens issir referenza għal artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 li jipprovdi:

6.Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:

(a)kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;

(b)ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;

(ċ)tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;

(d)knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;

(e)pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetà ta' terzi; u

(f)qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjal ieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.

Minn dak supraċitat huwa evidenti li huma s-subinċiż (ċ) li huma rilevanti għall-proċeduri odjerni. It-Tribunal jifhem li l-intenzjoni tal-leġislatur wara dawn il-provvedimenti huwa mmirrat sabiex kwalunkwe kostruzzjoni toħloq l-anqas inkonvenjent possibli għal terzi u utenti taż-żoni tal-madwar. B'hekk huwa ċar li kwalunkwe żviluppatur għandu l-obbligu li filwaqt li jagħmel ix-xogħlijiet li jkun awtorizzat li jagħmel, dan jagħmlu billi jżomm iż-żona nadifa. Minkejja dan it-Tribunal japprezza ukoll li tul ix-xogħlijiet, ċertu ħmieġ jista' jiġi kkawżat bħala riżultat tal-istess xogħlijiet u dan huwa inevitabbli. Il-leġislatur stess jirikonoxxi dan fejn jgħid li għandu jkun hemm tindif ta' materjal li "*seta' waqa".* B'hekk it-Tribunal ma jqisx li l-liġi qed tippretendi li ma jiġix kreat ħmieġ kawża tal-kostruzzjoni iżda li fejn dan isir, l-iżviluppatur jara li dan jiġi mnaddaf.

B'hekk it-Tribunal iqis li ma huwiex biżejjed għall-Awtorita' li turi li kien hemm xi ħmieġ iżda jeħtieġ li tipprova li dak il-ħmieġ ġie kkawżat mill-attur u kif ukoll li dan ma ħax l-azzjonijiet neċessarji sabiex inaddaf fl-immedjat. Minn dan kollu l-Awtorita' ma pruvat xejn.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq qed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorita' appellata u jilqa' l-appell tal-appellant u b'hekk jirrevoka l-avviż maħruġ nhar id-9 ta' Settembru, 2025 u l-penali amministrattiva imposta fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru